**IL-LOMBARD BANK IĦABBAR ŻJIEDA FIL-PROFITTI**

Lombard Bank Malta p.l.c. għamel qliegħ qabel it-taxxa ta’ Lm1,268,000 għad-disa' xhur li għalqu fit-30 ta' Ġunju, 2003, żjieda ta’ 8% fuq l-istess perjodu fl-2002. Dan joħroġ mill-kontijiet finanzjarji li ġew approvati llum mill-Bord tad-Diretturi tal-Bank, li ltaqa fil-Belt Valletta.

Id-dħul nett mill-imgħaxijiet żdied bi 2% għal Lm2.17 miljuni. Minkejja l-kompetizzjoni qawwija fis-self kif ukoll tnaqqis ġenerali fl-imgħaxijiet, il-Bank irnexxielu jżomm il-marġni fuq l-imgħaxijiet għal 34%. Kien hemm tnaqqis minn introjti li jiġu mill-ħlasijiet għal servizzi u kummissjonijiet; min-naħa l-oħra kien hemm żjieda fil-qliegħ min-negozju fil-kambju. Riżultat t’hekk, id-dħul mill-operat kollu tal-Bank kien ta' Lm2.83 miljun, titjib marġinali fuq is-sena ta' qabel.

L-ispiża tal-Bank kibret b' 10%, fil-biċċa l-kbira żjidiet li għandhom x’jaqsmu mal-impjegati kif ukoll nefqa akbar minħabba titjib fis-sistemi u fl-operat ġenerali tal-Bank. 2002. Ir-riserva għar-riskji fuq self lill-klijentela żdiedet b' Lm86,000, anqas miż-żjieda ta' Lm276,000 fuq l-istess perjodu fl-2002. Saret ukoll proviżjoni ta' Lm93,000 għall-talbiet u spejjeż oħra li jistgħu jinqalgħu. Il-qliegħ għal kull sehem kiber minn 20.5 ċenteżmi fl-2002 għal 20.9 ċenteżmi.

Id-depożiti telgħu bi ftit aktar minn 10% fuq Settembru 2002, għal Lm160.3 miljuni, filwaqt li s-self lill-klijenti naqas bi 3% għal Lm56.6 miljuni. Il-likwidita’ tal-Bank baqgħet fuq livelli għolja, b’żjieda ta’ 26% għal Lm63.7 miljuni.

L-obligazzjonijiet tal-Bank li jlaħħqu Lm25.6 miljuni baqgħu ma nbidlux ħlief għal xi investimenti li skadew u ma ġewx imġedda. Bilanċi ma’ banek u istituzzjonijiet finanzjarji żdiedu bi 29% għal Lm25.3 miljuni. Il-fondi tal-azzjonisti żdiedu bi 8% meta mqabbla ma’ Settembru 2002, għal Lm11 il-miljun, li jirrifletti solvency ratio ta’ madwar 20%. L-Assi totali tal-Bank żdiedu b’ 10% fuq Settembru 2002, għal total ta’ Lm176.6 miljuni. Memorandum Items ta’ Lm18 il-miljun jirriflettu d-diversità tan-negozju tal-Bank, bħal m’huma forward exchange contracts, fiduciary deposits u garanziji għall-klijentela.

Minħabba li l-Bank qiegħed jibdel is-sena finanzjarja tiegħu għal 31 ta’ Diċembru, il-Bord tad-Diretturi approva interim dividend ta’ 6ċ0 għall-kull sehem. Il-Bord jinnota li dan il-perjodu kien karatterizzat minn klima ta’ inċertezza u kundizzjonijiet ekonomiċi diffiċli. Minkejja dan, il-Bank irreġistra riżultati tajbin u li jirrifletti negozju ta’ kwalità għolja. Għall-kumplament tas-sena finanzjarja, il-Bord huwa ottimist li kif tiżdied ir-rankatura ekonomika u kummerċjali, il-politika ta’ kif jiġi żviluppat in-negozju tal-Bank kif ukoll it-tkabbir fl-istess negozju se jgħinu sabiex ikomplu jissaħħu l-profitti kif ukoll il-valur għall-azzjonisti.

18 ta’ Settembru 2003